**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Josephine sive Joyce Scerri**

**Kumpilazzjoni Numru: 342/12**

**Illum, 9 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Josepine sive Joyce Scerri detentur tal-karta tal-identita` numru 329869(M).

Akkuzata talli:

> F'Jannar 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, irceviet minghand Raymond Bonnici detentur tal-karta tal-identita` numru 191164(M) xi weghda li jinghata, lilha jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, ai termini tal-Artikoli 18 u 298C tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Marzu 2012 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti;

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni mill-prosekuzzjoni u mid-difiza;

Ikkunsidrat illi fil-kaz odjern l-imputata tinsab rinfaccjata bir-reat ta' uzura kontemplat fl-Artikolu 298C tal-Kodici Kriminali u cioe` illi l-imputata allegatament sellfet flus lill-parte civile u cioe` Raymond Bonnici u Doris Vella ammont ta' flus b'rata aktar min dik permissibbli mil-ligi.

Illi l-parte civile **Raymond Bonnici** jghid illi ghal bidu Doris Vella u bintha Graziella bdew jissellfu xi ammonti zghar minghand l-imputata minghajr imghax imbaghad meta dawn issellfu s-somma ta' tliet elef u seba mitt Liri Maltin (LM3,700) minghand l-imputata b'pagamenti ta' erba' mija (400) fix-xahar inqala' l-inkwiet.

Borg jghid illi huwa qatt ma ssellef xejn mill-imputata izda Doris Vella li tigi l-*partner* tieghu u t-tifla taghha Graziella kienu jissellfu minghandha u meta dawn issellfu dan l-ammont u skont huma kien imhallas, l-imputata allegatament kienet qaltilhom li dan kien tela' ghal tmient elef u seba' mija

(8,700) ghaliex skont hu kien hemm zmien li ma kienux ihallsu u xorta wahda kienet tghoddhom. (vide xhieda a fol 10 et seq)

Din ix-xhieda hija ghal kwantu mhawwda u konfuza u dak li xehed ix-xhud ma kienx fuq esperjenza personali tieghu imma kien qisu qed jirrakonta dak li kienu qalulu l-istess Doris Vella u Graziella.

Il-Qorti rat id-dokumenti pprezentati fl-atti a fol 20 *et seq* li huma estratt minn librett li kien jappartjeni lill-imputata meta sellfet il-flus lil Graziella Vella li juri self tal-ammont ta' sitt elef, tliet mija u tmenin (6,380) minghajr imghax pagabbli b'rati ta' erba' mija (400) fix-xahar. Hemmhekk ukoll kien hemm il-firem tal-imputata flimkien ma' dik ta' Graziella Vella. It-tieni dokument li hu datat hamsa (5) ta' Mejju 2010 juri self ta' tmient elef, tmien mija u tmenin Ewro (EUR 8,880) minghajr imghax pagabbli b'rati ta' sitt mija (EUR600) fix-xahar. Dan is-self inghata lil Doris Vella u jidhru wkoll il-firem tat-tnejn u cioe` tal-imputata u tal-istess Doris Vella. Sussegwentement fix-xhieda in kontro ezami ta' Graziella Vella din ikkonfermat illi l-firem hemmhekk kontenuti fiz-zewg dokumenti kienu in effetti taghha u ta' ommha.

Semghet ix-xhieda wkoll ta' Graziella u Doris Vella li wkoll kienu konfuzi xi ftit jew wisq u ma tantx taw dawl ghal kjarezza tal-avvenimenti. Mix-xhieda ta' **Graziella Vella** prattikament dak li hareg kien li hi qatt ma ddejnet minghand Joyce Scerri izda kienet il-mama` taghha ghal xi ammont li ma kienitx taf

x'kien izda li konvenjentement li kienet certa hu li dan l-ammont kellu imghax fuq l-imghax. Graziella Vella ikkonfermat illi hija kienet tkun prezenti meta ommha kienet tghaddi ic-cekk lill-imputata.

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentant tas-Sigurta` Socjali **Ivan Cilia** f'zewg okkazjonijiet fejn dan ikkonferma li prattikament Doris Vella minn dejjem kienet tibbenefika minn beneficcji tas-Sigurta` Socjali mhux bhalma kienet qalet lill-imputata meta skont hi kienet naqset li taghti xi pagamenti.

Mix-xhieda ta' **Doris Vella** hareg illi precedentement kienet diga` ssellfet xi flus minghand l-imputata izda meta sselfet is-somma ta' tliet elef u seba' mitt Ewro (EUR 3,700) l-imputata allegatament kienet haditilha imghax fuq imghax. Ix-xhud ma ftakritx pero` liema sena kienet u lanqas kemm kienet lahqet hallset qabel ma kienet bdiet tnaqqas il-pagamenti. Kullma tiftakar kien illi kellha taghtiha erba' mija fix-xahar u l-anqas ma ftakret kemm l-imputata allegatament kienet qaltilha li kellha thallas finalment. Hija kkonfermat li meta kienet tghaddilha c-cekk kienu jkunu dejjem wehidhom kuntrarjament ghal dak li kienet qalet bintha Graziella Vella.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputata **Joyce Scerri** illi fix-xhieda taghha harget sitwazzjoni pjuttost differenti mill-verzjoni tal-parte civile. Fil-fatt, fix-xhieda tal-imputata li kienet xhieda cara u inekwivoka irrakkontat il-fatti skond hi kif graw. Hi tghid illi Doris Vella; li kienet saret habiba taghha;  kienet kemm-

il darba tissellef xi affarijiet jew xi flus li mbaghad wara kienet dejjem tirritorna dawn l-affarijiet lura minghajr problemi. Tghid li darba giet ghandha bint Doris u cioe` Graziella fejn talbitha xi flus ghaliex kien ser jinqatalhom id-dawl peress li kellhom xi kontijiet arretrati. Din kellha bzonn is-somma ta' sitt elef, tliet mija u tmenin Ewro (EUR6,380). L-imputata tghid li accettat li ssellifhomlha ghax thassritha u peress li kienet issellfet xi somma flus mill-bank li kienet ghadha ma wzatx, din tathomla u ghamlu karta fejn iffirmawha it-tnejn li huma u hemmhekk l-imputata nizzlet id-dettalji tas-self li kien minghajr interessi u pagabbli b'rati ta' erba' mija (EUR400) fix-xahar.

L-imputata tghid li sussegwentement kienet giet Doris Vella u talbitha ghal self ta' elfejn u hames mija (EUR2,500) ghaliex il-*partner* taghha Raymond Bonnici kellu xi multa xi jhallas u ma kellux biex u din accettat. Dawn qabblu li z-zewg somom jinghaqqdu flimkien u ssir karta ohra esebita in atti u s-somma globali ta' tmient elef, tmien mija u tmenin Ewro (EUR8,880) jinqatghu b'rati ta' sitt mitt Ewro fix-xahar. Dawn iz-zewg ammonti kienu jikkomprendu is-somma mislufa lil Graziella u dik mislufa lil Doris. L-imputata tghid ukoll illi ftit li xejn kienu lahqu hallsuha.

**Ikkunsidrat** illi l-imputata Joyce Scerri hija addebitata bir-reat ta' uzura kkontemplat bl-Artikolu 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

> ***"Kull min jircevi minghand xi hadd iehor jew jikseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, jehel meta jinsab hati , il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tmintax-il xahar u ghall hlas ta' multa…."***

Illi l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna hu li dak li jkun jikseb weghda li jinghataw b' korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi. Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal rata ta' 8%. Hemm imbaghad l-Artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5% (hamsa fil-mija). Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8% (tmienja fil-mija), li pero` kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina.

Illi ghalkemm jidher li hemm konflitt bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-kwerelanti u dik tal-akkuzata Joyce Scerri, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" [9.7.2003]**:

> ***"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 talKodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."***

Illi l-Qorti thoss li bl-ebda mod ma gie ppruvat self b'imghax oghla minn dak stabbilit mill-ligi u dan ghaliex hareg car il-manuvri tal-parte civile li ironikament il-persuni li verament issellfu minghand l-imputata kienu jafu anqas fatti minn dak li qal Raymond Bonnici li ma kienx involut direttament fil-kwistjoni. Meta dawn kienu xebghu jiddejjnu minghand l-imputata li sabuha komda, u meta raw li l-kont kien tiela' mhux hazin u ma setghux jifdu dak is-self, huma raw kif ghamlu sabiex jiffabrikaw storja kontra l-imputata sabiex is-self taghhom jigi mahfur jekk l-imputata tinstab hatja tal-akkuzi odjerni. Kif diga` inghad l-inkonsistenzi taghhom fix-xhieda ta' Graziella u Doris Vella kienu kbar wisq meta huma kienu dawk il-persuni li kienu ikkuntrattaw mal-imputata u ironikament ix-xhieda ta' Raymond Bonnici li qatt ma kellu rwol attiv f'din il-vicenda, kienet aktar dettaljata. Fil-fatt huwa jikkonferma illi kien jaf dak li xehed minn dak li qalulu Doris u Graziella Vella.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti thoss illi l-akkuza ma gietx ippruvata u ghalhekk tillibera lill-imputata **Joyce Scerri** mill-akkuza kif dedotta kontriha.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**